REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1484

tat-18 ta' Lulju 2023

li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024 f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 8(3) u 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-formati tekniċi li jkopru l-kunċetti, il-proċessi, inkluż id-*data* u l-metadata, għat-trażmissjoni tal-informazzjoni.

(2) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika li trid tiġi trażmessa fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-arranġamenti dettaljati għar-rapporti tal-kwalità annwali.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni akkurata ta' stħarriġ kampjun fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*.

(4) Sabiex il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tirkupra d-*data* b'mezzi elettroniċi, it-trażmissjoni tad-data u s-sottomissjoni tar-rapport tal-kwalità annwali jenħtieġ li jsiru permezz tal-Punt Uniku ta' Dħul.

(5) Għall-kategoriji tal-karatteristiċi elenkati fl-Anness, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw, fejn xieraq, il-klassifikazzjonijiet statistiċi għall-unitajiet territorjali, l-edukazzjoni, l-okkupazzjoni u s-settur ekonomiku li huma kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS ([2]), ISCED ([3]), ISCO ([4]) u NACE ([5]).

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([3]) Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 2011, http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u jispeċifika l-arranġamenti dettaljati għat-trażmissjoni u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "perjodu ta' ħidma fuq il-post" tfisser il-perjodu taż-żmien għall-ġbir tad-*data* mingħand ir-rispondenti;

(2) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu taż-żmien li għalih tirreferi biċċa informazzjoni partikolari;

(3) "punt ta' dħul uniku" tfisser iż-żona ta' akkoljenza komuni għad-*data* statistika trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat).

Artikolu 3

Deskrizzjoni tal-varjabbli

Il-karatteristiċi tekniċi tal-varjabbli stabbiliti fl-Anness, għandhom jirreferu:

(a) għall-identifikatur tal-varjabbli;

(b) għall-isem u għad-deskrizzjoni tal-varjabbli;

(c) għall-kodiċijiet u għat-tikketti;

(d) għall-filtru;

(e) għat-tip ta' varjabbli.

Artikolu 4

Karatteristiċi tal-popolazzjonijiet fil-mira, unitajiet tal-osservazzjoni u regoli għar-rispondenti

1. Il-popolazzjonijiet fil-mira fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandhom ikunu unitajiet domestiċi privati fit-territorju tal-Istat Membru u individwi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, fl-Artikolu 2, il-punt (11) tar-Regolament (UE) 2019/1700, fit-territorju tal-Istat Membru.

2. Għall-varjabbli elenkati fl-Anness li jikkonċernaw l-unitajiet domestiċi, l-informazzjoni għandha tinġabar għall-unitajiet domestiċi privati li mill-inqas ikollhom membru wieħed li jkollu bejn 16-il sena u 74 sena u jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru.

3. Għall-varjabbli elenkati fl-Anness li jikkonċernaw l-individwi, l-informazzjoni għandha tinġabar għal individwi li jkollhom bejn 16-il sena u 74 sena u jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru.

4. Informazzjoni dwar individwi taħt is-16-il sena jew aktar minn 74 sena tista' tiġi pprovduta fuq bażi volontarja.

5. Il-ġbir tad-*data* għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu jsir għal kampjun ta' unitajiet domestiċi privati jew għal kampjun ta' persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati bħala unitajiet tal-osservazzjoni.

Artikolu 5

Il-perjodi u d-data ta' referenza

1. Il-perjodu ta' referenza għall-ġbir tal-istatistika dwar it-tema dettaljata "interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi", stabbilita fl-Anness, għandu jinkludi l-aħħar tliet trimestri tal-2023 u l-ewwel trimestru tal-2024.

2. Il-perjodu ta' referenza għall-ġbir tal-istatistika dwar is-suġġett dettaljat "Effett tal-użu" huwa l-aħħar darba li l-attività tkun twettqet mir-rispondent.

3. Għat-temi dettaljati l-oħra kollha, taħt it-tema numru 07, "parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni", stabbilita fl-Anness, il-perjodu ta' referenza għandu jkun l-ewwel trimestru tal-2024.

4. Il-ħin tal-ewwel intervista għandu jistabbilixxi d-data ta' referenza.

Artikolu 6

Perjodu għall-ġbir tad-*data*

Għad-*data* miksuba direttament mingħand ir-rispondenti, il-perjodu ta' ħidma fuq il-post għandu jkun it-tieni trimestru tal-2024.

Artikolu 7

Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni u l-istimi tad-*data*

1. L-imputazzjoni, l-immudellar jew il-ponderazzjoni għandhom jiġu applikati għad-*data* meta l-informazzjoni tkun nieqsa, invalida jew inkonsistenti.

2. Il-proċedura applikata għad-*data* għandha żżomm il-varjazzjoni u l-korrelazzjoni bejn il-varjabbli. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jinkorporaw "komponenti tal-errur" fil-valuri imputati, fuq il-metodi li sempliċiment jimputaw valur previst.

3. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jqisu l-istruttura jew karatteristiċi oħra tad-distribuzzjoni konġunta tal-varjabbli, fuq l-approċċ marġinali jew univarjat.

Artikolu 8

Skadenza u standards għat-trażmissjoni tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* finali lill-Kummissjoni (Eurostat) sal-5 ta' Ottubru 2024.

2. Id-*data* għandha tiġi trażmessa fl-għamla ta' fajls tal-mikrodata, inkluż il-ponderazzjonijiet xierqa. Id-*data* għandha tkun verifikata u validata kompletament, bl-użu tal-istandard tal-iskambju tad-data u tal-metadata statistika permezz tal-Punt Uniku ta' Dħul qabel it-trażmissjoni. Dik id-*data* għandha tikkonforma mar-regoli ta' validazzjoni skont l-ispeċifikazzjoni tal-varjabbli abbażi tal-ikkowdjar u l-filtri kif stabbilit fl-Anness.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-istruttura standard tal-metadata kif iddefinit mill-Kummissjoni (Eurostat) sal-5 ta' Jannar 2025. Huma għandhom jipprovduha permezz tal-Punt Uniku ta' Dħul.

Artikolu 9

Arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità annwali

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport tal-kwalità annwali lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar l-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

2. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jkun konformi mal-aktar standards riċenti tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u għandu jkun fih *data* u metadata relatati mal-kwalità u informazzjoni dwar il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-istħarriġ. Dan għandu jiddeskrivi l-bidliet fil-kunċetti u d-definizzjonijiet bażiċi li jaffettwaw il-komparabbiltà maż-żmien u bejn il-pajjiżi. Ir-rapport tal-kwalità għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-konformità mal-kwestjonarju mudell u dwar bidliet fid-disinn tal-kwestjonarju li jaffettwaw il-komparabbiltà maż-żmien u bejn il-pajjiżi.

3. Ir-rapport tal-kwalità annwali għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-istandards tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni (Eurostat), sal-5 ta' Jannar 2025.

4. Ir-rapport tal-kwalità annwali għandu jiġi sottomess permezz tal-Punt Uniku ta' Dħul.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Deskrizzjoni u formati tekniċi tal-varjabbli miġbura għal kull tema u tema dettaljata tal-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-kodiċijiet li jridu jintużaw

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01. Elementi Tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	REFYEAR	Sena tal-istħarriġ	SSSS	Sena tal-istħarriġ (4 ċifri)	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi Tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	INTDATE	Data ta' referenza – data tal-ewwel intervista	JJ/XX/SSSS	Data ta' referenza (10 karattri)	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	STRATUM_ID	Strat	Nnnnnn -1	ID tal-istrat li għalih jappartjenu l-individwu jew l-unità domestika, minn 1 sa N, fejn N hu l-għadd ta' strati Ebda stratifikazzjonia	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*	PSU	Unità primarja tal-kampjunar	Nnnnnn -1	ID tal-unità primarja tal-kampjunar li għaliha jappartjenu l-individwu jew l-unità domestika (minn 1 sa N, fejn N hu l-għadd ta' PSUs) Mhux applikabbli	L-unitajiet domestiċi kollha, meta l-popolazzjoni fil-mira tinqasam f'raggruppamenti (PSUs)	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	HH_ID	ID tal-unità domestika	XXnnnnnn	ID uniku tal-unità domestika (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 ċifra)	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	IND_ID	ID tal-individwu	XxNnnnn	ID uniku tal-individwu (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 ċifra)	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Identifikazzjoni	HH_REF_ID	ID tal-unità domestika li jappartjeni għaliha l-individwu	XxNnnnnn Vojt	Id tal-unità domestika li għaliha jappartjeni l-individwu (2 ittri għall-kodiċi tal-pajjiż u mbagħad sa 22 ċifra) Meta l-individwu jkollu 15-il sena jew anqas, jew 75 jew iżjed, u jkun jappartjeni għal unità domestika li fiha biss persuni barra mill-grupp tal-età ta' 16-74, dan il-kamp għandu jitħalla vojt.	Individwi kollha	Tekniku

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01. Elementi tekniċi	Ponderazzjonijiet	HH_WGHT	Ponderazzjoni tal-unità domestika	Nnnn.nnnnnn	Fattur ta' żieda tal-unità domestika (Uża tikka "." bħala punt deċimali, u mbagħad massimu ta' 6 deċimali)	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Ponderazzjonijiet	IND_WGHT	Ponderazzjoni tal-individwu	Nnnn.nnnnnn	Fattur ta' żieda tal-individwu (Uża tikka "." bħala punt deċimali, u mbagħad massimu ta' 6 deċimali)	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Karatteristiċi tal-intervista	TIME	Tul tal-intervista	Nnn Vojt	Tul tal-intervista espress f'minuti Mhux dikjarat	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Karatteristiċi tal-intervista	INT_TYPE	Tip ta' intervista	1 2 3 4 5	Intervista personali assistita bil-karti (PAPI) Intervista personali assistita b'kompjuter (CAPI) Intervista tat-telefon assistita b'kompjuter (CATI) Intervista web assistita b'kompjuter Oħrajn	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	COUNTRY	Pajjiż tar-residenza	Mhux vojt	Pajjiż tar-residenza (kodiċi SCL GEO alpha-2)	Individwi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS1	Reġjun tar-residenza	Mhux vojt	Reġjun NUTS 1 (3 karattri, alfanumeriċi)	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS2 (fakultattiv)	Reġjun tar-residenza (fakultattiv)	Mhux vojt Vojt	Reġjun NUTS 2 (4 karattri, alfanumeriċi) Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_NUTS3 (fakultattiv)	Reġjun tar-residenza (fakultattiv)	Mhux vojt Vojt	Reġjun NUTS 3 (5 karattri, alfanumeriċi - kodiċi ta' NUTS 3 għal aggregazzjoni alternattiva futura tar-reġjuni, mhux għall-pubblikazzjoni ta' diżaggregazzjonijiet NUTS 3) Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	DEG_URBA	Grad ta' urbanizzazzjoni	1 2 3	Bliet Irħula u subborgi Żoni rurali	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
01. Elementi tekniċi	Lokalizzazzjoni	GEO_DEV	Lokalizzazzjoni ġeografika	1 2 3 Vojt	Reġjun inqas żviluppat Reġjun fi tranżizzjoni Reġjun aktar żviluppat Mhux dikjarat (kodiċi għall-pajjiżi li mhux fl-UE)	Unitajiet domestiċi kollha	Tekniku
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	SEX	Sess	1 2	Raġel Mara	Individwi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	YEARBIR	Sena tat-twelid	YYYY	Sena tat-twelid (4 ċifri)	Individwi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	PASSBIR	L-aħħar għeluq is-snin	1 2	Iva Le	Individwi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija	AGE	Età fi snin magħluqa	nnn	Età fi snin magħluqa (minn 1 sa 3 ċifri)	Individwi kollha	Derivat

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Ċittadinanza u sfond migratorju	CITIZENSHIP	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali	Mhux vojt STLS FOR Vojt	Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija (kodiċi SCL GEO alpha-2) Mingħajr Stat Ċittadinanza barranija iżda l-pajjiż mhux magħruf Mhux dikjarat	Individwi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Ċittadinanza u sfond migratorju	CNTRYB	Pajjiż tat-twelid	Mhux vojt FOR Vojt	Pajjiż tat-twelid (kodiċi SCL GEO alpha-2) Imwieled barra iżda l-pajjiż tat-twelid mhux magħruf Mhux dikjarat	Individwi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP	Daqs tal-unità domestika (għadd ta' membri fl-unità domestika)	Nn Vojt	Għadd ta' membri fl-unità domestika (inkluż it-tfal) Mhux dikjarat	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24 (fakultattiv)	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena (fakultattiv)	Nn Vojt	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_16_24S (fakultattiv)	Għadd ta' studenti fl-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena (fakultattiv)	Nn Vojt	Għadd ta' studenti fl-unità domestika ta' bejn 16 u 24 sena Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_25_64 (fakultattiv)	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 25 u 64 sena (fakultattiv)	Nn Vojt	Għadd ta' membri tal-unità domestika ta' bejn 25 u 64 sena Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_POP_65_-MAX (fakultattiv)	Għadd ta' membri fl-unità domestika ta' 65 sena jew aktar (fakultattiv)	Nn Vojt	Għadd ta' membri fl-unità domestika ta' 65 sena jew aktar Opzjoni mhux inkluża	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD	Għadd ta' tfal taħt 16-il sena	Nn	Għadd ta' tfal taħt 16-il sena	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojt	Mhux dikjarat		
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_14_15 (fakultattiv)	Għadd ta' tfal li għandhom bejn 14 snin u 15-il sena (fakultattiva)	Nn	Għadd ta' tfal bejn 14 u 15-il sena	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojt	Opzjoni mhux inkluża		
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_5_13 (fakultattiv)	Għadd ta' tfal li għandhom bejn 5 snin u 13-il sena (fakultattiva)	Nn	Għadd ta' tfal bejn 5 u 13-il sena	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojt	Opzjoni mhux inkluża		
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HH_CHILD_LE_4 (fakultattiv)	Għadd ta' tfal ta' 4 snin jew iżgħar (fakultattiv)	Nn	Għadd ta' tfal ta' 4 snin jew iżgħar	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
				Vojt	Opzjoni mhux inkluża		
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)	MAINSTAT	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)	1	Impjegat	Individwi kollha ta' 16-il sena jew iżjed	Miġbura
				2	Diżokkupat		
				3	Irtirat		
				4	Ma jistax jaħdem minħabba diffikultajiet tas-saħħa fit-tul		
				5	Student, skular		
				6	Iwettaq kompiti domestiċi		
				7	Servizz militari jew ċivili obbligatorju		
				8	Oħrajn		
				Vojt	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	STAPRO	Status tal-impjieg fil-każ tal-impjieg ewlieni	1 2 3 4 Vojt 9	Persuna li taħdem għal rasha bl-impjegati Persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati Impjegat Ħaddiem tal-familja (bla ħlas) Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	NACE1D (fakultattiv)	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni (fakultattiv)	Mhux vojt Vojt 9	Kodiċi NACE fil-livell tat-taqsima (karattru wieħed (minn A sa U)) Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	ISCO2D	Okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni	nn Vojt -1	Kodiċi ISCO fil-livell ta' 2 ċifri Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_ICT	Professjonist tal-ICT jew professjonist mhux tal-ICT	1 0 Vojt 9	Professjonist tal-ICT Professjonist mhux tal-ICT Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	OCC_MAN	Ħaddiem manwali jew mhux manwali	1 0 Vojt 9	Ħaddiem manwali Ħaddiema mhux manwali Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	EMPST_WKT (fakultattiv)	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit) (fakultattiv)	1 2 Vojt 9	Impjieg full-time Impjieg part-time Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn MAINSTAT = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Durata tal-kuntratt	EMPST_CONTR (fakultattiv)	Permanenza tal-impjieg ewlieni (fakultattiv)	1	Impjieg permanenti	Indiviwdi fejn STAPRO = 3	Miġbura
				2	Kuntratt b'terminu fiss		
				Vojt	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		
04. Livell milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq	ISCEDD	Livell edukattiv miksub (l-ogħla livell edukattiv kompletat b'suċċess)	0	Ebda edukazzjoni formali jew inqas minn ISCED 1	Individwi kollha ta' 16-il sena jew iżjed	Miġbura
				1	ISCED 1 Edukazzjoni primarja		
				2	ISCED 2 Edukazzjoni sekondarja bażika		
				3	ISCED 3 Edukazzjoni sekondarja superjuri		
				4	ISCED 4 Edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja		
				5	ISCED 5 Edukazzjoni terzjarja ta'ċiklu qasir		
				6	ISCED 6 Baċellerat jew livell ekwivalenti		
				7	ISCED 7 Masters jew livell ekwivalenti		
				8	ISCED 8 Dottorat jew livell ekwivalenti		
				Vojt	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		
04. Livell milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq	ISCED	Livell edukattiv milħuq aggregat	0	Mhux aktar mil-livell tal-edukazzjoni sekondarja bażika (ISCEDD = 0, 1 jew 2)	Individwi kollha ta' 16-il sena jew iżjed	Derivat
				3	Edukazzjoni sekondarja superjuri u edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (ISCEDD = 3 jew 4)		
				5	Edukazzjoni terzjarja (ISCEDD = 5, 6, 7 jew 8)		
				Vojt	Mhux dikjarat		
				9	Mhux applikabbli		

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
05. Status tas-saħħa u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, disponibbiltà u użu tal-kura tas-saħħa u determinanti tas-saħħa	Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	GALI	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa	1 2 3 Vojt 9	Limitazzjoni serja Limitazzjoni iżda mhix serja Ebda limitazzjoni Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi kollha ta' 16-il sena jew iżjed	Miġbura
06. Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż djun	Introjtu totali fix-xahar tal-unità domestika	HH_IQ5	Introjtu kurrenti nett totali medju fix-xahar	1 2 3 4 5 Vojt	Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar aktar baxx Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar baxx sa medju Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju sa għoli Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar ogħla Mhux dikjarat	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Aċċess għall-ICT	IACC	Aċċess tal-unità domestika għall-Internet mid-dar (bi kwalunkwe apparat)	1 0 8 Vojt	Iva Le Ma nafx Mhux dikjarat	Unitajiet domestiċi kollha	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IU	Użu l-aktar riċenti tal-Internet, fi kwalunkwe post, bi kwalunkwe apparat xieraq	1 2 3 4 Vojt	F'dawn l-aħħar 3 xhur Bejn 3 xhur u sena ilu Aktar minn sena (1) ilu Ebda użu Mhux dikjarat	Individwi kollha	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Użu u frekwenza tal-użu tal-ICT	IFUS	Frekwenza medja tal-użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur	1 2 3 4 9 Vojt	Diversi drabi matul il-jum Darba kuljum jew kważi kuljum Mill-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum) Inqas minn darba fil-ġimgħa Mhux applikabbli Mhux dikjarat	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUEM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex tibgħat u tirċievi l-emails	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPH1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex isiru telefonati (inkluż telefonati awdjoviżivi) fuq l-Internet	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSNET	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat ta' parteċipazzjoni fuq midja soċjali (ħolqien ta' profil tal-utent, postjar ta' messaġġi jew kontributi oħra)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUCHAT1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat għal messaġġi istantanji (skambju ta' messaġġi)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat ta' tiftix ta' informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUNW1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jinqraw siti tal-aħbarijiet, gazzetti jew ir-rivisti tal-aħbarijiet online	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPOL2	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex jiġu espressi opinjonijiet dwar kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi fuq siti web jew media soċjali	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVOTE	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat ta' parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet jew votazzjonijiet online biex jiġu definiti kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi (bħal pjanar urban, firmar ta' petizzjoni)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUMUSS1	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed jisma' mużika (eż. ir-radju fuq il-web, l-istreaming tal-mużika) jew it-tniżżil ta' mużika	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSTV	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skop privat biex wieħed jara programmi tat-TV imxandar bl-Internet (dirett jew ripetizzjoni) minn xandara tat-televiżjoni (bħal [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVOD	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara servizzi ta' streaming kummerċjali	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUVSS	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tara kontenut iffilmjat minn servizzi ta' kondiviżjoni	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPDG	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jintlagħbu jew jitniżżlu l-logħob	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUPCAST (fakultattiv)	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex tisma' podcasts jew tniżżel podcasts (fakultattiv)	1 0 Vojt 9	Tikkjat Mhux tikkjat Opzjoni mhux inkluża Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IHIF	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat ta' tiftix tal-informazzjoni marbuta mas-saħħa (eżempju fuq korrimenti, mard, nutrizzjoni, titjib tas-saħħa)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUMAPP	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal skop privat biex wieħed jagħmel appuntament ma' prattikant fuq sit web jew app (bħal sptar, ċentru tal-kura tas-saħħa, fiżjoterapista jew psikoterapista)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUAPR	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex jiġu aċċessati rekords tas-saħħa personali online	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOHC	Użu tal-Internet f'dawn l-aħħar 3 xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi tas-saħħa oħra permezz ta' sit web jew app minflok ma jkollu jmur l-isptar jew iżur it-tabib (bħal biex jikseb riċetta jew konsultazzjoni online)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUSELL	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat ta' bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi fuq sit web jew app	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUBK	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur għal skop privat biex tuża servizzi bankarji fuq l-Internet (inkluż bankjar bil-mowbajl)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOLC	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' kors online	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOLM	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet ta' apprendiment għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' materjal tat-tagħlim disponibbli online għajr kors totalment online (bħal tutorjali vidjo, webinars, kotba tat-tagħlim elettroniċi, apps jew pjattaformi tal-apprendiment)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOCIS1	Użu tal-Internet fl-aħħar 3 xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, permezz ta' komunikazzjoni mal-għalliema jew mal-istudenti b'għodod online awdjo jew vidjo	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOFE	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għall-edukazzjoni formali (bħal skola jew università)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOW	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet professjonali/konnessi max-xogħol	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUOPP	Attivitajiet ta' tagħlim li r-rispondent ipparteċipa fihom, f'dawn l-aħħar 3 xhur, għal għanijiet privati	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IUOLC = 1 jew IUOLM = 1 jew IUOCIS1 = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUACRG	Li jkunu fetħu kont jew irreġistraw b'applikazzjoni jew servizz bla ħlas (bħal abbonament/kont għall-midja soċjali, apps għax-xiri ta' biljetti tat-trasport, streaming tal-mużika, logħob)	1 0 9	Iva Le Mhux dikjarat	Individwi fejn IU = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUACDL	Ħassar jew ipprova jħassar (jew jagħlaq) kont proprju ta' app jew servizz bla ħlas (bħall-midja soċjali, apps għax-xiri ta' biljetti tat-trasport, streaming tal-mużika, logħob) fl-aħħar 3 xhur	1 0 9	Iva Le Mhux dikjarat	Individwi fejn IUACRG = 1	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Attivitajiet tal-Internet	IUACDLP	Problemi ffaċċjati meta wieħed jipprova jħassar il-kont proprju ta' app jew servizz bla ħlas (bħad-diffikultà biex jinstab mod kif jitħassar il-kont, li wieħed iqatta' ammont sproporzjonat ta' żmien biex jagħmel dan, kwistjonijiet tekniċi, kundizzjonijiet inaċċettabbli għall-irtirar, inabbiltà li tirnexxi) fl-aħħar 3 xhur	1 0 9	Iva Le Mhux dikjarat	Individwi fejn IUACRG = 1 u IUACDL = 1	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIP	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent ikollu aċċess għal informazzjoni maħżuna dwaru mill-awtoritajiet pubbliċi jew mis-servizzi pubbliċi (bħal informazzjoni dwar [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIDB	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'aċċess mir-rispondent għal informazzjoni minn bażijiet tad-*data* jew reġistri pubbliċi (bħal informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' kotba f'libreriji pubbliċi, reġistri katastali, reġistri tal-intrapriżi)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12IF	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat f'dawn l-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'li r-rispondent jakkwista informazzjoni (eż. dwar servizzi, benefiċċji, intitolamenti, liġijiet, ħinijiet tal-ftuħ)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVIX	Ir-rispondent ma aċċessax rekords personali jew bażijiet tad-*data* u lanqas ma akkwista xi informazzjoni fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOV12FM	Downloading/stampar ta' formoli uffiċjali mir-rispondent minn sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 Vojt 9	Iva Le Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVAPR	Appuntament jew prenotazzjoni mir-rispondent fuq sit web jew app ma' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi (bħal prenotazzjoni ta' ktieb f'librerija pubblika, appuntament ma' impjegat tal-gvern jew fornitur tal-kura tas-saħħa tal-istat) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 Vojt 9	Iva Le Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVPOST (Fakultattiv)	Riċeviment mir-rispondent ta' kwalunkwe komunikazzjoni jew dokumenti uffiċjali mibgħuta mill-awtoritajiet pubbliċi via l-kont tar-rispondent fuq sit web jew app (isem is-servizz, jekk applikabbli fil-pajjiż) ta' awtoritajiet jew servizzi pubbliċi (bħal notifiki ta' multi jew fatturi, ittri; notifika ta' taħrika tal-qorti, dokumenti tal-qorti, [eżempji nazzjonali]) għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar? Użu ta' messaġġi ta' informazzjoni jew notifiki bbażati fuq email jew SMS li dokument huwa disponibbli jenħtieġ li jiġi eskluż. (fakultattiv)	1 0 Vojt 9	Iva Le Opzjoni mhux inkluża jew Mhux Dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVTAX2	Denunzja tat-taxxa kompleta, edittjata, rieżaminata jew approvata tar-rispondent stess fuq sit web jew app għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar	1 0 Vojt 9	Iva Le Mhux dikjarat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVODC	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesta mir-rispondent għal dokumenti jew ċertifikati uffiċjali (bħal gradwazzjoni, twelid, żwieġ, divorzju, mewt, ċertifikati ta' residenza, rekords tal-pulizija jew kriminali, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVBE	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesta mir-rispondent għal benefiċċji jew intitolamenti (bħal pensjoni, qagħad, benefiċċji tat-tfal, applikazzjoni għall-iskola, universitajiet, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IGOVRCC	Attivitajiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi għal skop privat fl-aħħar 12-il xahar li jikkonsistu f'rikjesti, talbiet jew ilmenti oħra mir-rispondent (bħal rapportar ta' serq lill-pulizija, ftuħ ta' lment legali, talba għal għajnuna legali, bidu ta' proċedura ċivili ta' talba quddiem qorti, [eżempji nazzjonali])	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IU = 1 jew IU = 2	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVNN	Raġunijiet għaliex ma ġewx rikjesti dokumenti uffiċjali jew ma saru l-ebda talbiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar –ir-rispondent ma kellux għalfejn jitlob dokumenti jew jagħmel xi talba	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura
07. Parteċipazzjoni tas-soċjetà tal-informazzjoni	Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi	IRGOVLS	Raġunijiet għaliex ma ġewx rikjesti dokumenti uffiċjali jew ma saru l-ebda talbiet fuq sit web jew app ta' awtoritajiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi fl-aħħar 12-il xahar – nuqqas ta' ħiliet jew għarfien (eż. ir-rispondent ma kienx jaf juża s-sit web jew l-app jew din kienet komplikata wisq biex jużaha)	1 0 9	Tikkjat Mhux tikkjat Mhux applikabbli	Individwi fejn IGOVODC = 0 u IGOVBE = 0 u IGOVRCC = 0	Miġbura

Tema	Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli/deskrizzjoni tal-varjabbli	Kodiċijiet	Tikketti/Kategoriji	Filtru	Tip ta' varjabbli
